MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 262/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Romina Veneziani)**
**Vs**
**Raymond Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli

fit-13 ta’ Awwissu 2006 ghal habta ta’ 10.45 am gewwa Triq ix-Xatt, Gzira b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat-traffiku kkaguna l-mewt ta’ Albert Navarro, anzjan ta’ 75 sena mill-Gzira wara ncident ta’ ‘hit and run’.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt li kien qed javvicina pedestrian crossing naqas li jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq b’sewqan eccessiv aktar milli jmissu.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi waqt li kien qed isuq il-vettura tat-tip Hyundai Excel bajda bin-numru tar-registrazzjoni IBE 749, kien involut f’incident fuq persuna u naqas li jieqaf fuq post u meta mehtieg naqas li jaghti l-partikolaritajiet u d-dettalji tal-vettura kif mitlub bil-ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Gunju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 225 u 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ir-Regolament 89 tal-LS 65.11 sabet lill-appellat hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba’ imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu tmintax (18) il-xahar prigunerija w skwalifikatu milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar minn meta jispicca jiskonta l-piena ta’ prigunerija. Il-qorti ddikjarat lill-appellant mhux hati tat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess akkuza.
Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta’ malta, l-Qorti kkundannat lill-appellant sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ elf u tlettax-il Euro u disgha w erbghin Euro centezmi (€1013.49) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta’ Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati mit-tielet imputazzjoni u tirrevoka w thassar is-sentenza fejn din sabitu hati ta’ l-ewwel, it-tieni u r-raba’ imputazzjoni u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, u fin-nuqqas tipprovdi ghall-piena aktar mita w idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u tal-provi.

Illi l-piena nflitta kienet wahda eccessiva w mhux idonea fic-cirkostanzi tenendo kont min-natura involontarja tar-reat u minhabba l-fatt li ma kienx akkuzat bl-addebiti tar-recidiva.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-13 ta’ Awwissu, 2006 ghall-habta ta’ 10:45am fi Triq ix-Xatt, il-Gzira, Albert Navarro anzjan ta’ 75 sena sefa’ imtajjar minn karozza waqt illi kien qieghed jaqsam minn fuq “pedestrian crossing”. Dana soffra griehi ta’ natura gravi u ftit xhur wara fl-10 ta’ Dicembru, 2007 miet bhala konsegwenza ta’ dawn il-griehi. Irrizulta illi s-sewwieq li tajjar lill-imsemmi Albert Navarro baqa’ sejjer izda kien hemm xhieda okolari illi qalu illi l-vettura rallentat u donnha waqfet ghal ftit sekondi wara li ttajjar l-anzjan izda mbaghad is-sewwieq telaq minn fuq il-post. Nies illi kienu fil-vicinanzi partikularment certu Andy Borg innota n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura li kienet tal-marka Hyundai kulur abjad bin-numru IBE 749 liema vettura kienet registrata f’isem l-appellant Raymond Borg. Dana gie nterrogat, rrilaxxja stqarrija fejn ammetta li kien qed isuq il-vettura tieghu fil-lokalita msemmija u fil-hin indikat, izda qal li ma kienx induna illi tajjar lil xi hadd ghaliex altrimenti kien jieqaf.

Ikkunsidrat:

L-appellant qieghed jargumenta illi l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija peress illi huwa ta spjegazzoni tal-hsara illi kien hemm fuq il-karozza tieghu. Huwa qal illi tlett xhur qabel l-incident kien silef il-karozza lil habiba tieghu Carmen Spiteri illi kienet involuta f’incident bumper to bumper u l-hsara illi kien hemm fuq il-windscreen kienet ikkawzata minn tazza li kienet twaddbet fuqha. Ukoll illi l-

ewwel Qorti ccitat hazin ix-xhieda ta' Andy Borg u Louis Scicluna - dan ta' l-ahhar ma rax l-incident pero' ra r-ragel u cioe' Navarro ma l-art u ha biss 3 numri minn 5. L-ewwel Qorti qaghdet fuq din ix-xhieda u kkonkludiet, illi l-appellant kien fil-karozza msemmija u kien hu illi laqat lil Navarro.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi l-imputat lanqas biss jiftakar in-numri tal-karozza tieghu u filwaqt illi ammetta illi kien qed isuq dik il-karozza partikulari fil-post u fil-hin indikat, nnega illi huwa laqat lil xi hadd u jekk kien hemm xi hsara fuq il-karozza dina kienet dovuta ghall-hsara zghira illi saret ftit tax-xhur qabel f'incident bumper to bumper. Pero' l-Qorti tinnota illi kien hemm provi bizzejjed sabiex l-ewwel Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi fil-fatt kien l-appellant li kien qed isuq il-karozza dak il-hin.

L-ewwel nett Andy Borg, xhud okolari, semma n-numri kollha u ta deskrizzjoni korretta kemm tal-kulur kif ukoll l-ghamla tal-karozza. Dina x-xhieda giet korraborata minn Louis Scicluna li wkoll ra l-incident u Mario Ferriggi li gharaf il-karozza ghax ghandu wahda bhala.

L-ewwel Qorti dahlet fil-fond fl-apprezzament tal-provi u l-ilmenti ta' l-appellant kollha gew indirizzati mill-ewwel Qorti u waslet ghall-konkluzjoni li l-imputat kien traskurat u ma osservax ir-regolamenti tat-traffiku meta baqa' ghaddej minn fuq it-traffic lights meta dawn kienu fuq l-ahmar u in oltre, 'il ghaliex huwa a dirittura ma ndunax b'ragel li kien qieghed jaqsam u spicca biex laqtu. Dana meta kien f'pozizzjoni illi jara u jinduna illi kien hemm persuna qed taqsam it-triq. Qalet ukoll illi l-verzjoni moghtiha mill-appellant ma kienetx wahda veritiera mehud in konsiderazzjoni l-ammont ta' provi li kellha quddiemha li wassluha biex tikkonkludi illi l-appellant kellu jkun hati minghar dubju dettat mir-raguni.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti wkoll tasal ghal din il-konkluzjoni. Dana wara li ghamlet apprezzament approfondit tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti li kienu bizzejjed sabiex iwasslu ghal dikjarazzjoni ta’ htija fil-konfront ta’ l-appellant.

Kif qalet il-kawza Ir-Republika ta’ Malta vs Ivan Gatt Appell Kriminali 1 ta’ Dicembru, 1994, “Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz perezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun ibbazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f’dan il-kaz, tara jekk, anki jekk ikun hemm verzjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghet liberament u senerament tigi emmnuta minghar ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emmnuta u evidentement giet emmnuta . . . il-funzjoni, anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-deskrizzjoni u dak l-apprezzament.” Din il-Qorti ghamlet dak l-apprezzament u jidrilha li l-konkluzjoni illi waslet ghaliha l-ewwel Qorti kienet perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika, l-buon sens u bbazata fuq il-fatti. Ghalhekk ma jispettax lil din il-Qorti illi tissostitwixxi din il-konkluzjoni b’ohra u ghandha tirrispetta d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti. Ghalhekk mhux il-kaz illi s-Sentenza tigi varjata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------